MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2004

Rikors Numru. 1102/1997/1

George Hili
vs
Chief Government Medical Officer Health Department u b'digriet tat-28 ta' Mejju 2002 gie kjamat fir-rikors ic-Chairman tal-Public Service Commission

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1990/1992/1994 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni ghall-grad ta' Supervisor.
Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi huwa kien ilu impjegat mad-Dipartiment tas-Sahha ghal madwar 19-il sena u kien ilu fil-grad ta' Porter dawn is-snin kollha. Illi huwa kemm kien ilu jahdem mad-Dipartiment tas-Sahha dejjem ghamel ix-xoghol tieghu bl-

akbar attenzjoni u efficjenza u qatt ma kellu rapporti hziena kontra tieghu. Illi fil-fatt huwa ghalkemm ghandu l-grad ta' Porter kien ilu jahdem bhala Supervisor ghal madwar 7 snin.

Illi huwa wara li kienet harget sejha ghall-grad ta' Supervisor fl-1989, fl-1990, 1992, applika u qaghad ghall-interview. Illi huwa dejjem irrisponda ghad-domandi li sarulu waqt l-interview u meta fl-1994 kien mitlub biex joqghod ghall-ezami kien huwa konvint li mar tajjeb hafna. Illi huwa hass li saret ingustizzja mieghu ghax fost dawk li hadu promozzjoni ghall-interview kien hemm uhud li lanqas jafu jiktbu isimhom u huwa ghandu l-esperjenza, il-kwalifiki u s-servizz aktar minnhom. Illi huwa hass ukoll li l-promozzjoni qatt ma nghatatlu mhux ghax ma huwiex kapaci, imma minhabba t-twemmin politiku tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-promozzjoni ghall-grad ta' Supervisor mid-data li kien haqqu ssir jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat illi jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 jew kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tac-Chief Government Medical Officer li eccepixxa:

Illi kull interview illi jsir sabiex jimtlew postijiet vakanti mal-Gvern isir minn Bord mahtur apposta mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Illi l-ghazla tal-persuni minn tali Bord kif ukoll il-hatriet taghhom mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku huma proceduri insindakabbli ai termini ta’ l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta. Di piu` d-Dipartiment tas-Sahha kif ukoll ic-Chief Government Medical Officer ma ghandu l-ebda diskrezzjoni f’dawn il-kazijiet.

Ghaldaqstant l-intimat talab lil dan l-Onorabbli Tribunal illi jichad it-talbiet ta’ George Hili bl-ispejjez stante illi infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi l-intimat mhux il-legittimu kontradittur stante illi ma ghandux il-poter li jaghti promozzjonijiet. Dawn ta’ l-ahhar jaqghu fil-mansjoni esklussiva tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Il-proceduri kollha mis-sejha ghall-applikazzjonijiet sa l-ghazla ta’ dawk li ghandhom jinhatru huma kollha proceduri tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ghalhekk insindakabbli ai termini ta’ l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

Ghaldaqstant l-intimat talab lil dan l-Onorabbli Tribunal joghogbu jichad bl-ispejjez it-talbiet tar-rikorrent stante infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent ikkonferma l-kontenut tar-rikors. Hu xehed li sal-lum ghadu jahdem l-Emergenza l-Isptar, u ilu jaghmel xoghol ta’ Supervisor, fejn hemm Supervisor iehor Joe

Mifsud u flimkien imexxu l-post. Sostna li kien hu li ghallem lil Mifsud li kien ilu hemm xi hames snin.

Xehed Charles Messina Administrator f'St. Lukes, li qal li jaf lir-rikorrent, u ddeskriva xoghol ir-rikorrent bhala Acting Supervisor fid-dipartiment tal-casualty. Semma li Hili ilu f'din il-kariga ghal ghaxar snin, u fir-rigward ta' Victor Porter, Charles Bondin u Charles Spiteri u Guido Grech qal li dawn lahqu kollha Supervisors. Hu pparaguna lir-rikorrent ma' dawn in-nies bhala tal-istess livell. Iddeskriva lir-rikorrent bhala kapaci u efficjenti. Spjega li r-rikorrent kien hemm fuq il-post tax-xoghol qabel Joe Mifsud.

Xehed Charles Bondin Supervisor fid-dipartiment tad-drenagg li qal beda jahdem ma' dan id-dipartiment fl-1987, izda fl-1987 kien mad-Dipartiment tas-Sahha, fejn kien spicca fil-kariga ta' Supervisor. Kien sar Supervisor xi tmien snin qabel ma xehed. Qal li bhala Supervisor fid-Dipartiment tas-Sahha kien mall-gate, mhux bhala Security, izda fuq l-istaff. Qal li qabel ma kien Supervisor, kien grupp D.

Xehed Victor Porter Supervisor li jiehu hsieb il-cleaners ta' St. Lukes, li qal ilu Supervisor mill-1991. Qal li qabel ma sar Supervisor kien jaghmel xoghol ta' porter u meta harget is-sejha ghal Supervisor, sar Supervisor.

Xehed Charles Spiteri Supervisor fuq l-indafa tal-wards l-isptar, li qal sar Supervisor fl-4 ta' Jannar 1994. Spjega li ilu 35 sena mal-Gvern, fejn ghamel 12-il sena ma' l-ambulanzi bhala Acting Supervisor, u wara kien accetta li jmur in charge mit-tqassim tal-ikel, fejn ghamel 12-il sena ohra u kien hemm li lahaq Supervisor.

Xehed Guido Grech Supervisor li qal hu sar Supervisor fl-1991 u jiehu hsieb il-cleaners. Semma li qabel ma sar Supervisor, kien cleaner handyman u kien jaqa' taht grupp C.

Xehdet Pauline Gatt Nursing Manager, u qalet li ilha f'din il-kariga ghal 6 snin u qabel kienet Nursing Officer. Qalet

li hi kienet ghamlet zmien tahdem mar-rikorrent u dejjem taf li r-rwol tieghu kien ta' Supervisor fil-Porter's Lodge. Semma li kienet in charge mir-rikorrent u ddeskriviet lir-rikorrent bhala responsabbli fuq ix-xoghol.

Xehed <u>Richard Saliba</u> Segretarju tal-Public Service Commission li qal li sab li r-rikorrent applika ghal tliet sejhiet mad-Dipartiment tas-Sahha li kienu hargu, wahda tal-15 ta' Lulju 1988, wahda tat-22 ta' Novembru 1990 u ohra tat-28 ta' Mejju 1992, u dawn is-sejhiet dejjem kienu ghal Supervisor. Esebixxa dokument a fol 51 li juri l-breakdown tal-marki li gab ir-rikorrent f' dawn is-sejhiet ghall-promozzjoni. Jirrizulta li dwar tal-dak tal-1988 ir-rikorrent inghata 20 minn 50 marks ghal writing, 25 minn 75 marks ghal experience u 15 minn 75 marks ghal suitability and personality, b' total ta' 60 marka minn 200 fejn kienu ghaddew 104 applikant u 72 gew mahtura. Dwar il-call tal-1990 ir-rikorrent inghata 10 minn 30 ghal ability to command and instill discipline, 8 minn 15 experience, 9 minn 20 suitability and efficiency, 7 minn 15 personality u 10 minn 20 standard of education b' total ta' 44 minn 100 marka. 158 kienu applikanti eligibbli u 56 inghataw il-hatra. Dwar l-applikazzjoni tal-1992 gab 31 minn 60 ability to instill discipline, 11 minn 30 ghal esperjenza, 22 minn 40 ghal suitability and efficiency, 17 minn 30 ghal personality u 21 minn 40 ghal standard of education, b' total ta' 102 minn 200 marka. Dan l-ezami kienu applikaw ghalih 330, eligibbli 265 li minnhom 108 applikanti ghaddew u 51 kienu moghtija l-hatra waqt li r-rikorrent gie fit-98 pozizzjoni.

**KONKLUZJONIJIET:**

A] L-intimat eccepixxa li l-postijiet jimtlew wara interviews mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u li tali hatriet huma proceduri insindakabbli ai termini tal-***Art 115 tal-Kostituzzjoni***. It-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza deciza minnu fis-7 ta' Mejju 1988 fl-ismijiet John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha u ghall-istess ragunijiet hemmhekk indikati, it-Tribunal jichad l-istess eccezzjonijiet.

B] Rigward il-***meritu*** t-Tribunal josserva li xoghol ir-rikorrent kien gie mfahhar kemm mis-Sur Charles Messina kif ukoll minn Pauline Gatt. Is-Sur Messina ddeskriva lir-rikorrent bhala persuna kapaci taghmel ix-xoghol ta' Supervisor u semma li hu efficjenti. Messina stess semma li jipparaguna lir-rikorrent mal-persuni l-ohra li lahqu u indikati a fol 21 bhala tal-istess livell. Irrizulta wkoll li r-rikorrent ghamel zmien twil acting jaghmel xoghol ta' Supervisor u xorta wahda ma hax il-promozzjoni. Irrizulta li Victor Porter, Carmel Spiteri u Guido Grech li lkoll lahqu Supervisors kwalifiki li seta' kellhom kienu biss ta' natura ordinarja. Qabel ma lahqu Supervisors, Victor Porter kien Laboratory Attendant, Carmel Spiteri kien Porter waqt li Guido Grech kien Handyman. It-Tribunal josserva l-istramberija ta' marki allokati dwar experience fejn ir-rikorrent inghata 33% fl-1988, 54% fl-1990 u 37% fl-1992 meta hu kien jaghmel dan ix-xoghol regolarment u allura kif seta' ma jkollux esperjenza tax-xoghol? Barra mill-fatt li donnu l-esperjenza tieghu naqset mill-1990 ghall-1992 billi minn 54% nizel ghal 37% u hawnhekk certament li l-marki ghandhom jigu riveduti b' mod li hu manifest li r-rikorrent kien haqqu jilhaq fl-1992.

Ghal dawn il-motivi jidher car li r-rikorrent kien haqqu l-promozzjoni fl-1992 u li saret ingustizzja mieghu kif definita fl-Art 6 tal-Kap 394 u jichad l-eccezzjoni tal-intimat. Jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Supervisor b'effett mill-1992 mill-istess data li nghataw il-hatra l-persuni l-ohra u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------